**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**9 ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru 23/2018**

**Raymond Grech**

**Vs**

**L-Onorevoli Ministru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol**

**Il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema ta' Malta u**

**Id-Direttur Generali ghal Servizzi Edukattivi ghal kull interess li jista' jkollu**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Raymond Grech** ipprezentat fis-16 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Dan huwa rikors t'appell li qed jitressaq ai termini tal-Artiklu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni minn deċiżjoni mogħtija mill-Ministru tal-Edukazzjoni nhar it-28 ta' Frar, 2018 (minn issa 'l quddiem id-"Deċiżjoni Appellata") imsejsa fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema ta' Malta (minn issa 'l quddiem, il-"Kunsill"), liema rakkomandazzjoni ingħatat fis-26 ta' Frar, 2018. (minn issa 'l quddiem "ir-Rakkomandazzjoni") Kopja tar-Rakkomandazzjoni qed tiġi eżibita bħala Dok RG1.*

## *1.0 Espożizzjoni tal-Fatti*

*Illi b'ittra datata 30 t'Ottubru, 2014, l-appellat Direttur Ġenerali għal Servizzi Edukattivi (minn issa 'l quddiem, id-"Direttur") talab lill-Kunsill sabiex jinvestiga allegat ksur ta' kodiċi ta' etika min-naħa tal-appellant Raymond Grech bħala għalliem u dan ai termini tal-Artiklu 31 tal-Att dwar l-Edukazzjoni.*
*Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-appellant jagħmel referenza għar-rapport imsemmi kif ikkwotat fir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Frar, 2018. In suċċint pero, jidher illi l-ilment kien mibni fuq l-episodji li ġejjin:*

*(i)* *Prinċipalment, ir-rapport jirreferi għal episodju li seħħ nhar l-14 ta' Marzu, 2014 (u għalhekk ftit xhur biss qabel sar ir-rapport) meta huwa allegat illi l-appellant tkellem b'mod arrognati fil-konfront ta' żewġ studenti (Justin Caruana u Isaiah Muscat). Dan wara li l-għalliem ssolleċita lill-istudenti sabiex jgħidu "bonġu" lill-Assistent Kap tal-Iskola u wieħed mill-istudenti irrisponda lura fis-sens illi kien ġa sar wara nofsinhar.*

*(ii)* *Aktar tard fl-istess rapport, u kważi inċidentalment, jissemma' episodju illi allegatament seħħ fi Frar, 2011, u ċjoe <u>aktar minn tlett snin u nofs qabel</u> id-data tar-rapport, meta ingħat illi l-appellant kien refa' jdejh fuq ċertu student jismu Wayne Sciberras.*

*(iii)* *Fl-aħħarnett issemmew xi żjarat li saru minn Education Officers fil-klassi tal-għalliem fl-2010 u fl-2011, (ċjoe, mill-ġdid, snin sħaħ qabel ir-rapport) fejn ingħataw xi rakkomandazzjonijiet lill-għalliem dwar kif seta' jagħmel il-lezzjonijiet u n-noti tiegħu aktar student friendly*

*Illi fir-Rakkomandazzjoni, illi ġiet imbagħad avallata mid-Deċiżjoni Appellata, il-Kunsill appellat ikkonkluda illi l-aġir tal-14 ta' Marzu, 2014 jammonta għal imġiba professjonali ħażini skont il-Kodiċi tal-Etika kif maħsub fl-artiklu 31(2)(b). A skans ta' ripetizzjoni, l-appellant mhux ser jikkwota r-rakkomandazzjoni fl-intier tagħha, iżda josserva fil-qosor illi l-Kunsill irrakkomanda illi l-appellant Raymond Grech iżomm il-warrant tiegħu pero skont sensiela ta' kundizzjonijiet li "għandhom ikunu marbuta mal-warrant tiegħu* ***<u>sakemm jibqa' jipprattika l-professjoni</u>*** *u* ***<u>għandu jitħalla jkompli jgħallem l-Ingliż"</u>*** *[emfażi fl-oriġinal]. Ir-Rakkomandazzjoni tkompli tistabilixxi numru ta' kundizzjonijiet u fosthom illi Il-Kunsill ser ikompli jsegwi l-imġiba professjonali tas-Sur Grech mill-qrib sakemm jibqa' jipprattika l-professjoni ta' għalliem...*

## *2.0 Ir-raġunijiet għall-appell*

*L-appellant ħassu aggravat mid-Deċiżjoni Appellata u minnha qed iressaq dan l-umli appell. L-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*<u>L-Ewwel Aggravju</u>: Għalkemm fil-parti "operattiva" tar-Rakkomndazzjoni jidher li qed issir referenza biss għall-episodju tal-14 ta' Marzu, 2014, jidher ċar mill-kunsiderazzjonijiet tal-Kunsill appellat illi huwa qies ukoll l-allegat episodju li seħħ fi Frar, 2011 meta ntqal illi l-appellant refa' jdejh fuq tifel. Dan huwa pero żbaljat kemm proċeduralment u kemm fil-mertu għaliex dwar dan l-episodju kienet ġa saret u ngħalqet investigazzjoni u sar monitoring tal-appellant b'dan illi ma kienx hemm lok illi l-kwestjoni tinfetaħ mill-ġdid;*

*<u>It-Tieni Aggravju</u>: Bir-rispett, jidher illi r-Rakkomandazzjoni, u konsegwentement id-Deċiżjoni Appellata, hija msejsa fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati. Dan għaliex id-deċiżjoni irreferiet għal kliem li ntqal mill-appellant illi ttieħed totalment barra mill-kuntest tiegħu u mingħajr ma tqies l-isfond kollu tal-każ. Inoltre, huwa ironiku illi ix-xhieda mressqa mid-Direttur appellat ġew emmnuti fejn qabel, iżda bil-kontra, fejn tkellmu favur l-appellant, intefa' dubbju fuq jekk hux qed jgħidu s-sewwa;*

*<u>It-Tielet Aggravju</u>: Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso illi r-Rakkomandazzjoni u d-Deċiżjoni Appellata kienu korretti safejn sabu ksur tal-Kodiċi tal-Etika, id-deċiżjoni hija żbaljata safejn ikkonfermat rakkomandazzjoni illi Il-Kunsill ser ikompli jsegwi l-imġiba professjonali tas-Sur Grech mill-qrib sakemm jibqa' jipprattika l-professjoni ta' għalliem... Dan għaliex ir-rwol tal-Kunsill f'każi bħal dawn huwa ċirkoskritt b'dak li jgħid l-Artiklu 31 tal-Kap 327, u l-Kunsill ma għandux poteri ta' monitoring kif jidher li qed jingħad fir-Rakkomandazzjoni, iżda biss illi jikkunsidra, jisma' u jiddeċiedi jekk jitressaq xi rapport quddiemu.*

## *3.0 Sottomissjonijiet*

*L-appellant sejjer issa jgħaddi biex iressaq l-aggravji tiegħu f'aktar dettall:*

### *3.1 l-Ewwel Aggravju*

*L-ewwel aggravju huwa fis-sens illi għalkemm fil-parti aħħarija tar-Rakkomandazzjoni qed issir referenza biss għall-episodju tal-14 ta' Marzu, 2014, joħroġ ċar mill-kunsiderazzjonijiet tal-Kunsill appellat illi huwa qies ukoll l-allegat episodju li seħħ fl-4 ta' Frar, 2011 meta ntqal illi l-appellant refa' jdejh fuq tifel. Del resto, dan l-episodju jissemma' fl-ittra tat-30 t'Ottubru, 2014 illi biha nfetħu dawn il-proċeduri.*

*Jibda biex jingħad illi l-appellant ma jistax jifhem kif fil-proċeduri preżenti, kellha terġa' ssir referenza għal episodju li seħħ aktar minn tlett snin qabel u li dwar ġa saret (u jidher li ngħalqet) investigazzjoni dwar l-istess każ. Dan għandu xeħta ta' ne bis in idem għaliex jekk din il-ġrajja kienet ġa ġiet investigata u magħluqa, ma kellhiex tintuża biex titfa' dell fuq l-għalliem fil-kuntest ta' episodju ta' natura totalment differenti. Għalhekk, l-appellant isostni illi d-Deċiżjoni Appellata jixirqilha li titħassar għaliex imsejsa fuq Rakkomandazzjoni proċeduralment żbaljata li qieset każ ormai magħluq fil-kunsiderazzjonijiet tagħha.*

*Mingħajr preġudizzju għas-suespost, quddiem il-Kunsill ma tressqux provi dwar l-inċident tal-4 ta' Frar, 2011, ngħidu aħna għalliema li kienu preżenti waqt il-ġrajja, jew almenu kopja tad-dokumenti marbuta mal-investigazzjoni li saret dwar dak l-episodju. Dan ifisser illi ntefa' dell serju fuq l-aġir tal-appellant, dell li ċertament affettwa l-kunsiderazzjonijiet tal-Kunsill, u dan minkejja illi l-provi mressqa dwar dan l-inċident kienu tassew limitati. Hekk ngħidu aħna, ttella' jixhed missier l-istudent (li naturalment ma kienx preżenti għall-allegat inċident u ma setax jixhed dwar x'ġara), filwaqt illi ma tressqux jixhdu l-għalliema u l-LSAs li kienu preżenti u li setgħu jikkonfermaw x'ġara tassew. Dan naturalment ippreġudika l-jeddijiet tal-appellant għal smiegħ xieraq tal-każ tiegħu.*

### *3.2 It-Tieni Aggravju*

*Bit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jattakka l-evalwazzjoni illi għamel il-Kunsill tal-fatti tal-każ.*

*Ma jridx jintesa qabel xejn illi dak li wassal għall-ittra tad-Direttur (li tat bidu għal din il-proċedura kollha) kien episodju fejn allegatament l-appellant indirizza lil wieħed mill-istudenti (Justin Caruana) u qallu "tista' tkun baħnan, imma turix li inti". Fil-kunsiderazzjonijiet tal-aħħar, pero, il-Kunsill jimxi fuq il-premessa illi d-diskors li ntqal mill-appellant lil Caruana kien differenti, u ċjoe illi għajru "baħnan, injorant u fidil". Dan il-kliem pero' ma qalux l-appellant, iżda kien student ieħor, Isaiah Muscat illi, allegatament sabiex jaqbeż għal ħabibu qal lill-għalliem (fil-preżenża tal-Assistent Kap tal-Iskola u ta' LSA) " Justin mhuwiex* ***<u>baħnan, fidil u injorant</u>*** *kif qed tgħid int". Dan pero qed jgħidu Muscat,* *<u>u mhux l-appellant</u>* *li, semmai, huwa allegat illi qal biss il-kliem tista' tkun baħnan imma turix li inti. Forsi dan jidher kliem iebes, imma ċertament mhuwiex dak riportat fi tmiem ir-Rakkomandazzjoni. U hawnhekk huwa ferm relevanti dak li jispjega l-appellant fl-istqarrija tiegħu, u ċjoe illi huwa ħass li kellu jwiddeb lil Caruana biex ma jkomplix b'"tomfoolery" fil-klassi.*

*Huwa f'dan is-sens illi l-appellant isostni illi l-kliem li allegatament qal ittieħed totalment barra minn loku u b'nuqqas ta' għarfien tal-kuntest ta' klassi. Ma jidhirx illi huwa kontestat illi fi klassi jeħtieġ illi tinżamm dixxiplina biex ma tirrenjax l-anarkija, u wieħed ma jistax jagħlaq għajnejh għall-fatt illi għal lezzjoni f'korteżija ("għidu good morning lill-Assisten Kap"), qabeż student imeri lill-għalliem għax skorra nofsinhar bi ftit minuti. Huwa sinjifikanti illi l-Kunsill stess jirrikonoxxi illi għandha titqies il-perspettiva tal-appellant "li ħassu urtat b'dak il-kumment", imma mbagħad l-istess Kunsill mhux biss jikkwota totalment ħażin id-diskors li allegatament sar mill-għalliem, imma wkoll l-istess Kunsill jieħu n-naħa tal-istudent u jsostni illi kellu jingħata raġun. Din il-pożiżżjoni pero' tonqos milli tqis it-ton u l-atteġġjament tal-istudenti b'dan illi trid issir differenza bejn kumment ġenwin, u kumment illi jingħad sempliċiment biex wieħed jgħaddi ż-żmien u jwaqqa' għaż-żufjett.*

*B'rabta ma' dan jingħad ukoll illi l-Kunsill qies allegati nuqqasijiet fl-istil ta' tagħlim tal-appellant fejn intqal illi l-approċ tiegħu seta' jkun iżjed student friendly. Mill-ġdid pero jingħad illi mhux biżżejjed li wieħed iħares biss lejn x'għandu jkun l-istil ta' tagħlim fi klassi ideali. Għall-kuntrarju, biex wieħed jasal għal fehma mgħarrfa tajjeb dwar kemm għalliem huwa ta' kwalita', wieħed irid iqis ukoll l-attitudni, il-livell, l-eta' u l-motivazzjoni ġenerali tal-istudenti in kwestjoni. Ma jirriżultax illi dan sar fid-Deċiżjoni Appellata u/jew fir-Rakkomandazzjoni li fuqha hija msejsa, b'dan illi d-Deċiżjoni hija miftuma mir-realta' tal-fatti.*

*B'rabta mal-evalwazzjoni tal-fatti li saret mill-Kunsill, l-appellant jilmenta wkoll mill-fatt illi l-Kunsill jidher li kien selettiv f'dak li jagħżel li jemmen mix-xhieda li tressqu quddiemu, inkluż ix-xhieda mressqa mid-Dipartiment stess. Biex jingħata biss eżempju wieħed, issir referenza ripetuta għall-fatt illi f'rapport tas-7 ta' Diċembru, 2010, fost sensiela ta' punti differenti (uħud minnhom pożittivi ferm fil-konfront tal-appellant), intqal mis-Sur George Camilleri, Uffiċjal Edukattiv tal-Ingliż, illi students should not be talked to in a threatening way. Oħroġ il-għaġeb, minkejja illi Camilleri qal ukoll illi s-Sur Grech has good classroom control, is able to provide fluent and focused oral input, and to elicit oral responses from students by means of effective questioning techniques, fil-konklużjonijiet tiegħu l-emfażi tal-Kunsill hija biss fuq dawk il-punti illi jwasslu għall-konferma tal-allegazzjonijiet infondati ta' "tgħajjir" li sar mill-appellant fl-episodju tal-14 ta' Marzu, 2014. Huwa ironiku illi ix-xhieda mressqa mid-Direttur appellat stess ġew emmnuti fejn qablu mal-allegazzjonijiet li*

*saru fir-rapport, iżda bil-kontra, fejn tkellmu favur l-appellant, intefa' dubbju fuq jekk hux qed jgħidu s-sewwa.*

*3.3 It-Tielet Aggravju*

*It-tielet aggravju tal-appellant huwa marbut ma' osservazzjoni speċifika illi saret fir-Rakommandazzjoni, u li għalhekk wieħed jifhem illi ġiet konfermata bid-Deċiżjoni Appellata. Dan l-aggravju qed jitressaq mingħajr preġudizzju għal dawk ta' qablu.*

*Fil-qosor, ir-Rakkomandazzjoni tgħid fost l-oħrajn illi l-Kunsill ser ikompli jsegwi l-imġiba professjonali tas-Sur Grech mill-qrib sakemm jibqa' jipprattika l-professjoni ta' għalliem...*

*Huwa umilment sottomess illi f'kull każ, din il-parti tad-Deċiżjoni Appellata għandha tiġi mħassra u dan għaliex jekk wieħed jifli l-artiklu 27 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-monitoraġġ ta' għalliema individwali ma jinkwadrax fost il-funzjonijiet u l-poteri tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu tassew il-poter illi jinvestiga rapporti dwar allegata imġiba ħażina ta' għalliem iżda mhux illi sua sponte "jkompli jsegwi" għalliem partikolari.*

*Ma jistax ma jingħadx ukoll illi ordni bħal din turi wkoll nuqqas ta' fiduċja fis-Senior Management Team (SMT) u fl-amministrazzjoni tal-iskola, kif ukoll fid-Dipartiment stess għaliex huwa obbligu tagħhom (u mhux tal-Kunsill) illi jsegwu l-prestazzjoni ta' għalliem, u jkun fid-diskrezzjoni tagħhom illi jagħmlu rapporti lill-Kunsill.*

*Huwa għalhekk sottomess illi, jekk dan it-Tribunal jidhirlu illi għandu jikkonferma d-Deċiżjoni Appellata, għandha almenu titħassar l-kundizzjoni numru 6 (li jiġi preżentat rapport dettaljat lill-kunsill lejn l-aħħar ta' kull term) u l-kundizzjoni ekwivalenti illi l-Kunsill ikompli jsegwi l-imġiba prinċipali tas-Sur Grech.*

***4.0 It-Talbiet***

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-aggravji fuq spjegati, l-appellant Raymond Grech jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal*

*(i) jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Ministru tal-Edukazzjoni nhar it-28 ta' Frar, 2018 imsejsa fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema ta' Malta tas-26 ta' Frar, 2018 u jiddeċiedi minflok billi ssib illi ma kien hemm ebda ksur fil-Kodiċi tal-Etika mill-appellant;*

*(ii) Fin-nuqqas, l-appellant jitlob illi tiġi mħassra l-kundizzjoni illi abbażi tagħha il-Kunsill stqarr illi se jibqa' jsegwi lill-appellant;*

*u/jew li dan it-Tribunal jagħti dawk id-direzzjonijiet jew ordnijiet li jidhirlu ġusti skont il-liġi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati."*

Ra r-risposta **<u>tal-intimati</u>** datata 9 ta' April 2018 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

“

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxu illi t-terminu biex tigi pprezentata risposta qatt ma beda jidekorri stante illi l-appellant ma harig notifika fil-konfront tal-Avukat Generali u dan ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi preliminarjament jinghad illi d-Direttur Generali ghal Servizzi Edukattivi m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna stante illi d-decizjoni appellata ttiehdet mill-Ministru ghall-Edukazzjoni fuq rakomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema ta' Malta. Illi a bazi tal-Artikolu 181(B) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, il-Kap tad-dipartiment tal-Gvern li huwa inkarigat fil-materja in kwistjoni certament mhuwiex id-Direttur Generali ghal Servizzi Edukattivi;*

3. *Illi ai termini tal-artikolu 32(1) tal-Kap 327 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jezisti l-ebda dritt ghall-appell minn decizjoni tal-Ministru moghtija fuq rakomandazzjoni tal-Kunsill meta tali decizjoni hija wahda illi tissogetta warrant ta' ghalliema ghal kundizzjonijiet stante illi tali artikolu jippermetti biss appell minn decizjoni dwar sospensjoni, thassir jew hrug ta' warrant ta' ghalliema. Konsegwentament l-appell intavolat mill-appellant huwa improponibbli u ghandhu jigi ddikjarat null.*

***<u>Eccezzjonijiet fil-Mertu</u>***

1. *Illi l-Kunsill fis-26 ta' Frar ddeterminat illi l-imgiba tal-appellant fl-incident li gara fl-iskola Sekondarja tas-Subien Victoria Ghawdex fl-14 ta' Marzu 2014 jammonta ghal mgiba professjonali hazina skont il-Kodici tal-Etika kif mahsub fl-Artiklu 31 (2) (b) tal-Kap 327 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Frar 2018 l-esponent Ministru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol iddecieda (kopja ta' decizjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok 'MEDE 1'), fuq rakomandazzjoni tal-esponent Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema ta' Malta, illi ai termini tal-Artiklu 31 (4) (b) (iv) tal-Kap 327 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti canfira lill-appellant u li ai termini tal-Artikolu 31 (4) (iii) tal-istess Att jimponi s-segwenti kundizzjonijiet mal-Warrant ta' Ghalliema tal-appellant:*

   i. *Is-sur Grech ghandhu jinghata appogg permezz ta' Mentoring u li ghaldaqstant ghandhu jkollu vizita minn Ufficjal Edukattiv tal-Ingliz darba fix-xahar u li dawn il-vizti ghandhom jitqassmu bejn l-Ufficjali Edukattivi tal-Ingliz differenti*
   ii. *L-Ufficjali Edukattivi illi jaghmlu dawn il-vizti ghandhom jipprezentaw ir-rapporti taghhom dwar dawn il-vizti lill-Kunsill;*
   iii. *Is-SMT tal-iskola fejn is-sur Grech ikun qed jghallem ghandhom jahdmu mas-sur Grech sabiex huwa jinghata l-appogg mehtieg;*
   iv. *Il-Kunsill jinkoragixxi vizti fil-klassi tas-sur Grech mill-SMT tal-Iskola u membru tal-SMT ghandhu josserva lezzjoni tas-Sur Grech minn tal-inqas darba fix-xahar. Madankollu, l-Kunsill ma jqisx illi huwa ta' beneficcju illi jkun hemm membru tal-SMT prezenti f'kull lezzjoni illi jaghmel is-sur Grech.*
   v. *L-SMT tal-iskola fejn is-sur Grech ikun qed jipprattika l-Professjoni ghandhom jizguraw illi s-sur Grech jinghata teaching load u duties illi fl-opinjoni taghhom huma l-ahjar interess tal-istudenti, il-kollegi tas-Sur Grech, is-Sur Grech innifsu u l-ezigenzi tal-iskola;*

*vi.* *L-SMT ghandhom jipprezentaw rapport dettaljat dwar it-taghlim u l-imgiba professjonali tas-sur Grech lill-Kunsill lejn l-ahhar ta' kull term;*

*vii.* *Is-sur Grech ghandhu jimxi mal-parir li jinghata mill-Ufficjali Edukattivi u mill-SMT tal-iskola u ghandhu jikkopera bis-shih f'kwalsijasi process ta' Mentoring u appoggg illi huwa ser jircievi skont dawn ir-rakomandazzjonijiet.*

*Illi gie rrakomandat illi dawn il-kundizzjonijiet ghandhom ikunu marbuta mal-Warrant ta' Ghalliema tal-appellant sakemm jibqa' jippratika l-professjoni u ghandu jithalla jkompla jghallem l-Ingliz;*

3. *Illi d-decizjoni tat-28 ta' Frar 2018 tal-esponent Ministru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol moghtija fuq rakomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema ta' Malta hija wahda koretta kemm ai termini stipulati fil-ligi u kemm fil-fatt;*

4. *Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, l-esponenti jhossu illi dan l-aggravju huwa verament fiergha u fjakk stante illi l-Kunsill fir-rapport tieghu ghamilha cara illi huwa m'huwiex ser jikkunsidra l-kwestjoni (l-incident tal-4 ta' Frar 2011) mil-gdid: "il-Kunsill ma ikkunsidrax il-merti ta' dan l-incident (tal-4 ta' Frar 2011) u dana ghaliex is-sur Grech kien diga ghadda minn proceduri dixxiplinari dwar dan l-akkadut. Filwaqt illi l-Kunsill ma jistax jerga jezamina dan l-akkadut, il-Kunsill jirrikonoxxi s-sejbiet tal-Bord ta' Investigazzjoni…."*

   *Illi huwa ovvju l-Kunsill ghandhu dmir illi jevalwa kull tip ta' rapport u xhieda li tingab quddiemu waqt l-investigazzjoni u tul il-procedimenti. A contrario sensu u fic-cirkostanzi illi l-Kunsill ma jaghmilx hekk, huwa jkun in vjolazzjoni tad-dmirijiet tieghu u cjoe dawk envisti fl-artikolu 27 u 31 tal-Kap 327 tal-Ligijiet ta' Malta.*

   *Illi l-Kunsill ddecieda limitatment fuq l-incident tal-14 ta' Marzu 2014 u mhux fuq l-incident tal-4 ta' Frar 2011. Madanakollu ma jfissirx illi l-Kunsill m'ghandhux jaghti kas it-track record ta' ghalliema, specjalment meta jingab quddiemu rapport fuq s-sejbiet ta' Bord ta' Investigazzjoni.*

   *Illi fid-dawl ta' din l-eccezzjoni ghandhu jirrizulta illi in-ne bis in idem iccitat mill-appellant ma sehhx fil-proceduri quddiem il-Kunsill u konsegwentament ir-rapport u rakkomandazzjoni tas-26 ta' Frar 2018 inghata specifikament fir-rigward tal-incident li sehh fl-14 ta' Marzu 2014. Illi dato ma non concesso u ghal-grazzja tal-argument fl-eventwalita' illi l-Kunsill kien jiehu in konsiderazzjoni u janalizza mill-gdid l-incident tal-4 ta' Frar 2011, certament huwa ma kienx jadotta l-anqas mizura drastika fil-konfront tal-appellant;*

5. *Illi bir-rispett kollhu t-tieni aggravju tal-appellanti illi r-rakomandazzjoni u konsegwentement id-decizjoni appellata hija msejsa fuq kunsiderazzjonijiet zbaljati hija ghal kollox skoretta u gratwita stante illi r-rapport tal-Kunsill (Vide Dok RG1 anness mal-appell in risposta) konsistenti f'mija u sebgha pagni (107) jfisser b'mod mill-aktar dettaljat u korrett kemm l-provi li tressqu quddiem l-Kunsill kif ukoll s-sottomissjonijiet li tressqu mill-partijiet, u f'dan is-sens ukoll ma jistghax jigi accetat illi jinghad illi l-Kunsill ma qies l-isfond tal-kaz kollhu. Il-Kunsill kkunsidra b'mod akkurat il-provi kollha migjuba kemm a favur u kemm kontra l-appellant u wasal ghal decizjoni li fil-fehma tal-esponenti kienet l-anqas wahda drastika.*

*Illi ghandhu jigi rrilevat illi l-incident li sehh fl-14 ta' Marzu 2014 gie kkonfermat kemm mill-appellanti kif ukoll minn diversi xhieda illi kkoraboraw* ***kollha*** *l-istess verzjoni dei fatti u cjoe illi l-appellant uza kliem iebes u mhux approprjat verso tfal u minuri, agir li certament il-Kunsill ma jistghax jaccetta bhala konsonu mal-etika u mgiba professjonali ta' ghalliem. Ghaldaqstant l-appellanti huwa zbaljat meta jsostni illi dawn il-fatti huma biss allegazzjonijiet mentri fil-fatt huma gew ampjament ppruvati quddiem l-Kunsill.*

*Illi huwa ben ovvju illi l-Kunsill jigbed l-attenzjoni tal-ghalliema sabiex huma jkollhom imgiba, tolleranza u professjonalita' kbira fil-qadi ta' dmirijiet taghhom mal-istudenti u illi jkunu ta' ezempju lill-istess studenti. Il-fatt illi l-Kunsill irrikonoxxa illi l-appellant kellhu jzomm certu imgiba ta' professjonalita m'ghandhiex tidher f'ghajnejn dan l-Onorabbli Tribunal bhala xi pretensjoni fuori portata ta dak illi tirrikjedi l-professjoni stess.*

*Illi di piu' jinghad illi l-Kunsill fir-rakomandazzjoni tieghu qies c-cirkostanzi kollha tal-kas u m'huwiex minnu illi d-decizjoni hija miftuma mir-realta' tal-fatti. Il-fatt illi l-Kunsill fehem fl-ewwel lok illi l-appellant "hassu urtat b'dak il-kumment", fit-tieni lok illi studenti ghandhom jigu kkoreguti bi kliem anqas iebes minn dak uzat u rrakomanda fit-tielet lok kundizzzjonijiet bl-ghan illi l-appellant jtejjeb l-imgiba u l-metodu tat-tghalim akkademiku tieghu jixhed dawl kemm il-Kunsill hass illi s-sitwazzjoni tal-appellanti tista' titejjeb u tmur ghall-ahjar.*

*Illi finalment dwar it-tieni aggravju l-esponenti jirrilevaw illi l-appellant jaghmel argument palezament konfliggenti mal-ewwel aggravju. L-appellant isostni illi fl-ewwel lok l-Kunsill kellhu biss jikkunsidra l-incident tal-14 ta' Marzu 2014 u mhux incidenti antecedenti minn dak l-episodju. Fit-tieni lok huwa jersaq sabiex jevalwa xhieda u korrispondenza li jmorru erba' (4) snin qabel l-incident de quo u cjoe rapport tas-Sur George Camilleri, Ufficcjal Edukattiv tal-Ingliz, tas-7 ta' Dicembru 2010. L-esponenti umilment jirrilevaw illi t-Tribunal ghandhu jirrizultalu bl-aktar mod car illi dawn l-aggravji huma konfliggenti ma xulxin. Illi nonostante illi l-aggravi huma konfliggenti, l-esponenti jirrilevaw illi l-Kunsill ikkunsidra fl-osservazzjonijiet tieghu (vide Dok RG 1 a skans ta ripetizzjoni) l-provi kollha prodotti miz-zewg partijiet kif ukoll is-sottomissjonijiet kollha kemm a favur u kemm mhux a favur l-appellant;*

6. *Illi fir-rigward tat-tielet aggravju, l-esponenti jirrilevaw illi ai termini tal-Artikolu 31 (4) (b) (iii), l-esponenti Kunsill ghandu d-dritt stipulat fil-ligi illi jimponi kundizzjonijiet marbutin mal-Warrant ta' ghalliema liema kundizzjonijiet m'humiex indikati b'mod ezawrjenti fil-ligi. Ghaldaqstant il-fatt illi l-Kunsill impona kundizzjoni illi "ser ikompli jsegwi l-imgiba professjonali tas-Sur Grech mill-Qrib sakemm jibqa' jipprattika l-professjoni ta' ghalliem.." ma jistghax jinghad illi l-Kunsill impona xi kundizzjoni li mhux permessa mill-ligi.*

   *Illi l-appellant huwa zbaljat ukoll meta jsostni illi l-Kunsill ma jistghax jsegwi l-perkors u mgiba ta' ghalliem sakemm jibqa jippratika l-professjoni ta' għalliem stante illi l-artiklu 27 tal-Kap 327 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi "l-Kunsill għandu jirregola l-prattika tal-professjoni tal-għalliema f'Malta, u partikolarment għandu:*

*a) **jżomm taħt attenzjoni u jivvaluta l-istandards tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-idoneità għat-tagħlim ta'kull persuna li tagħżel li tipprattika l-professjoni ta' għalliem**."*

*Illi di piu' jinghad illi l-fatt illi l-Kunsill impona din l-kundizzjoni ma jfissirx illi s-Senior Management Team (SMT) m'ghandhux fiducja fl-amministrazzjoni tal-iskola. Anzi jinghad illi l-Kunsill jhoss illi huwa ghandhu jaghti l-appogg tieghu fir-rigward tas-sitwazzjonijiet sfortunati u xejn felici relatati mal-professjoni ta' ghalliema. Illi di fatto dan ghandhu jservi ta' support lid-dipartiment tal-imsemmija skola u mhux bhala xi tip ta' reprimanda kif donnu qieghed jallega l-appellant. Il-Kunsill fil-fatt fehem ic-cirkostanzi difficli illi l-amministrazzjoni tal-imsemmija skola kellha thabbat wicca f'diversi okkazzjonijiet;*

7. *Illi l-esponenti jirrilevaw tenut kont ic-cirkostanzi kollha relatat mal-incident tal-14 ta' Marzu 2014, l-Kunsill rrakomanda l-inqas mizura drastika fil-konfront tal-appellant;*

8. *Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

9. *Illi ghar-ragunijiet suesposti u kif ha jigi trattat fil-mori ta dan l-appell, l-esponenti certament idderigaw ruhom b' mod korett meta hadu id-decizjoni mertu ta' dan l-appell u ghaldaqstant tali decizjoni ghandha tigi kkonfermata minn dan l-Onorabbli Tribunal;*

   *Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistghu jingiebu fil-mori ta' din il-kawza l-esponenti qieghdin bl-akbar rispett jadixxu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza dwar it-tielet eccezzjoni tal-intimati.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti, li jezercita l-professjoni ta' ghalliem, hassu aggravat bid-decizjoni tal-Kunsill intimat tas-26 ta' Frar 2018 fejn irrakomanda illi ghandu jinghata canfira u ghandu jigi mitkellem u ggwidat sabiex ikun zgurat illi huwa jifhem sewwa n-nuqqasijiet fit-taghlim tieghu u sabiex jigi mghejjun jeghleb l-isfidi illi huwa qed jiffacja f'xogholu. Ghal dan il-ghan huwa rrakomanda illi r-rikorrent isegwi numru ta' kundizzjonijiet li ghandhom jintrabtu mal-*warrant* tieghu.

Illi ai termini tal-artikolu 31 tal-Att dwar l-Edukazzjoni *"…(3) Kull għalliem li jkun is-suġġett ta' xi investigazzjoni li ssir mill-Kunsill għandu jingħata kull opportunità biex*

*jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi favur tiegħu u għal dak l-iskop jista' jkun assistit minn avukat jew minn xi persuna oħra li jagħżel hu.*

*(4) Meta jiffinalizza l-investigazzjoni l-Kunsill għandu –*

*(a) jekk ir-riżultanzi jkunu favur l-għalliem, itemm il-każ;*
*jew*
*(b) jekk isib lill-għalliem ħati ta' mġieba professjonali ħażina, negliġenza serja jew inkompetenza, jagħmel rapport dwar ir-riżultanzi u jissottomettih lill-Ministru flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-imposizzjoni ta' xi penali minn dawn li ġejjin:*

*(i) is-sospensjoni jew it-tħassir tal-warrant taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu rakkomandati;*
*(ii) is-sospensjoni jew it-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' soċjetà ta' għalliema;*
*(iii) l-imposizzjoni ta' xi kondizzjonijiet li għandhom ikunu marbuta ma' warrant;*
*(iv) ċanfira;*
*(v) ħlas li jkopri l-ispejjeż tal-investigazzjoni;*
*(vi) ordni li xi drittijiet li jintalbu għal servizzi mogħtija ma jitħallsux, jitnaqqsu jew jitħallsu lura."*

Illi mbaghad ai termini tal-artikolu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni *"(1) Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Ministru, li jkun iddeċieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill,* ***li biha jiċħad talba għal warrant****, jew meta ma tkunx ġiet notifikata lill-applikant id-deċiżjoni fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 29,* ***jew li biha jiġi sospiż jew imħassar warrant,*** *taħt id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, tista', fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-avviż li jingħata lill-Ministru, tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu.*

*(2) Għalkemm ikun sar appell skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-warrant jitqies sospiż jew imħassar, skont il-każ, pendenti d-deċiżjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal- Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu."*

Illi ghalhekk minn qari tal-istess disposizzjoni johrog illi persuna tista' tappella mid-decizjoni tal-Kunsill jew tal-Ministru fi tliet cirkostanzi u cioe`:

1. Jekk it-talba ghall-hrug ta' *warrant* tigi rifjutata; jew
2. Jekk il-*warrant* jigi sospiz jew irtirat.

Illi issa f'dan il-kaz il-*warrant* tar-rikorrent la gie sospiz u lanqas irtirat. Pero` l-Kunsill rabat mieghu certu kundizzjonijiet ghaliex irrizultalu li l-istess rikorrent kien naqas mid-doveri tieghu fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu ta' ghalliem. Illi t-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-ligi hija cara u ma jistghax jaghtiha interpretazzjoni oltre minn dak li ried il-legislatur. Fejn il-legislatur hass li ghandu jaghti lok ghal appell dan gie msemmi espressament. Ghalkemm it-Tribunal jifhem illi l-kundizzjonijiet marbuta mal-*warrant* tar-rikorrent

aggravawh ma jirrizultax illi l-Att dwar l-Edukazzjoni jaghti gurisdizzjoni lil dan it-Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi appell dwar l-imposizzjoni tal-istess kundizzjonijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-intimati ghandhom ragun meta jghidu illi ma jezistix dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal meta l-Kunsill jirrakomanda lill-Ministru li l-*warrant* ghandu jkun marbut b'kundizzjonijiet.

Madankollu dan it-Tribunal ma jistghax ma josservax illi fl-ahhar paragrafu tad-decizjoni tal-Kunsill intimat, l-istess Kunsill kiteb is-segwenti: ***"Permezz tal-prezenti s-Sur Grech qed jigi mfakkar bid-dritt tieghu illi jappella minn din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 32 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, fi zmien wiehed u ghoxrin (21) jum mill-avviz li jinghata lill-Ministru."*** Illi kif inghad iktar 'il fuq dan ma kienx il-kaz u ghalhekk l-istess Kunsill zgwida lir-rikorrent meta gharrfu li ghandu dritt jappella minn dik ir-rakkomandazzjoni meta fil-fatt ma kellux. Dan kollu se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq espressi, qieghed jilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimati u jiddikjara l-appell bhala irritu u null.

In vista ta' dak enuncjat fl-ahhar paragrafju qabel id-decide, l-ispejjez ghandhom jigu sapportati mill-intimati.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**